

- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija deċiżjoni, u
- tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess bħal dik fil-Kawża T-826/14, Spanja vs Il-Kummissjoni, u T-12/15, Banco de Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-miżura inwksitjoni ma tissodisfax, skont ir-rikorrenti, l-elementi speċifiċi tal-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 [KE], u tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, peress li l-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix għajjnuna għida, illegali u inkompatibbli.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq in-nullità tal-Artikolu 4(2) tat-Tielet deċiżjoni minħabba ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999, inkwantu l-ordni ta' rkupru ma ġiex limitat bl-istess mod bħalma kien ġie limitat fl-ewwel żewġ deċiżjonijiet (xiri preċedenti gall-21 ta' Diċembru 2007).
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq in-nullità tal-Artikolu 4 tat-Tielet deċiżjoni (ordni ta' rkupru) minħabba ksur tal-Artikolu 14 (1) tar-Regolament Nru 659/1999, inkwantu mill-ordni ta' rkupru ma ġewx esklużi t-tranżazzjonijiet indiretti preċedenti għall-10 ta' Marzu 2005.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2015 – Sociedad General de Aguas de Barcelona vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-253/15)

(2015/C 245/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Sociedad General de Aguas de Barcelona, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. de Juan Casadevall, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata.
- sussidjarjament, fil-każ li t-talba prinċipali tiġi miċħuda, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn ma tillimitax l-ordni ta' rkupru għax-xiri indirett magħmul wara l-21 ta' Diċembru 2007, u ma tirrikonoxxix id-dritt għall-applikazzjoni sħiħa tal-benefiċċju fiskali matul il-perijodu kollu previst fl-Artikolu 12.5 tad-Digriet Leġiżlattiv 4/2004, tal-5 ta' Marzu, li jimplementa t-Texto Refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades [TRLIS – test emendat tal-liġi Spanjola dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji], u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess bħal dik fil-Kawża T-12/15, Banco de Santander u Santusa vs Il-Kummissjoni, u T-252/15 Ferrovial SA et vs Il-Kummissjoni.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati huma simili għal dawk li diġà ġew invokati f'dawn il-kawżi.

Qed jiġi allegat, b'mod partikolari, żball ta' liġi fl-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' selettività, użu ħażin ta' poter u l-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' aspettattivi leġittimi.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2015 – Aldi Einkauf vs UASI – Dyado Liben (Casale Fresco)**(Kawża T-254/15)**

(2015/C 245/43)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Aldi Einkauf GmbH & Co. oHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Dyado Liben OOD (Sofia, il-Bulgarija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "Casale Fresco"– Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 010 886 604

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 1138/2014-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2015 – Telefónica vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-256/15)**

(2015/C 245/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Telefónica, S.A. (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado u J. Domínguez Pérez, avukati)